**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

## Laqgħa B'urġenza

**5 t' Awwissu 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

| | |
|---|---|
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 48 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **48.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Il-Kunsilliera is-Sinj. Joleine Attard u is-Sur Malcolm Gatt bagħatu ittra ta' appoloġija biex jiġu skużati mil-laqgħa nru 48. |
| **48.2** | **Xatt J.B. Azopardo** |
| 48.02.01 | Is-Sindku iddiskuta id-diffikultajiet u l-problemi li hemm fix-xatt tal-Isla mal-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u l-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar fil-preżenza tas-sidien tal-ħwienet tax-xatt.<br><br>Is-Sindku ressaq l-iskema SPI/ SCI/6/2022 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali fejn b'din l-applikazzjon istess jideher ċar li x-xatt J.B. Azopardo ma jaqax f'idejn il-kunsill iżda mill-Gvern Ċentrali għalhekk il-kunsill applika għal dawn il-fondi sabiex issir il-manutenzzjoni tax-xatt speċjalment id-dawl tan-naħa tal-grawnd għaliex il-kunsill flimkien mal-periti tal-gvern intalbet it-talba tal-fondi ta' 150,000 ewro iżda biex inkunu eliġibli din l-istima ser titnaqqas għal 65,000 ewro sabiex fil-lokal tal-Isla jkun hemm id-dawl adekwat bejn l-open gym u Regatta Club. |
| 48.02.02 | Is-sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għal-laqgħa mal-periti u l-enġiniera tad-dipartiment tal-public works fejn reġgħu iddiskutwe din l-iskema SPI/ SCI/6/2022 kif ukoll għaddew ir-rapport dwar it-tabelli u is-sinjali tax-xatt li sar mis-Sinj Galea Ann. |
| 48.02.02 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju iffirmaw mal-Ministeru tal-Ambjent MOU dwar proġett pilota għal skips eletroniċi li ser jibbenifikaw minnhom is-sidien tal-ħwienet. Dawn l-iskips ser jitpoġġew fejn il-grawnd Benny Casha u ser jitħaddmu b'sistema ta' cards u ser ikun mamra b'cctv li ser ikunu imqabda mal-LESA u mal-ministeru tal-Ambjent. Dan il-proġett ser jibda jopera mill-1 ta' Jannar 2023. |
| 48.02.03 | Il-Kunsill Lokali tal-Isla qed ikollu volontiera li qed jieħdu ħsieb l-ambjent kif ukoll is-siġar li ġew imħawla mill-kunsill matul ix-xatt kollu. Ser jerġgħu jiġu mħawla dawk is-siġar li mietu u kien hemm xi waħda li ma baqgħetx imħawla f'postha. |
| 48.02.04 | Fit-30 t' Awwissu ser tiġi organiżżata Clean Up Day mill-ministeru tal-ambjent sabiex jitnaddaf il-post mill-karrijiet flimkien mal-Għaqda |

| | |
|---|---|
| | Sajjieda u Barklori li ser jieħu ħsieb il-president tal-għaqda is-Sur Clayton Fiteni. |
| 48.02.05 | Il-Kunsill Lokali tal-Isla ser jieħu sehem fi proġett pilota bejn l-Isla, il-Birgu u Ċipru. Dan il-proġett jikkonsisti sabiex is-sidien tal-ħwienet u restoranti japplikaw modi differenti kif wieħed jista jibża aktar għall-ambjent u jkun hemm aktar skart organiku milli dak li jintefa' fil-borżas-sewda. Dan il-proġett jisejjah The Responsible Coastal Business Network, fejn ser titqassam l-informazzjoni sabiex kull ħanut / resetorant jieħu sehem f'din il-kompetizzjoni ( Kun ZERO WASTE CHAMPION ) dan qed issir biex nnaqqsu t-tniġġis tal-baħar b'mod aktar speċifiku *single use plastic* bl-involviment tas-sidien u l-ħaddiema ta' intrapriżi kostali. Il-membri kollha tan-network jingħataw taħriġ fuq il-post tax-xogħol dwar kif jimplimentaw l-aħjar prattiċi u jingħataw appoġġ mit-tim ta' AKTI sabiex isiru aktar responsabli tal-ambjent. Il-membri kollha jistgħu ikunu rikonnoxuti bħala Zera Waste Champions billi jipparteċipaw fil-kompetizzjoni tal-aħjar prattiċi. |
| 48.02.06 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mad-direttur is-Sur Jesmond Grima minn Transport Malta u il-perit Degiovanni mill restoration directoraite unit sabiex jiġi diskuss biex ikun hemm fondi sabiex ikun jista jsir dan ir-restawr ġewwa Boiler Wharf biex b'hekk ir-residenti tal-Isla jkunu jistgħu jużaw parti minn Boiler Wharf bħala parkeġġ. Jekk ma jiġiex restawrat dan is-sur li qiegħed f'periklu dan il-parkeġġ ma jistax jintuża mir-residenti. Ser issir talba biex dan il-parkeġġ jintuża għal festa tal-lokalita. Fis-17 t' Awissu ser issir press conference mill-Onor. Owen Bonnici dwar ir-restawr tas-swar tan-nieżla minn Triq is-Sur għall- Boiler Wharf. |
| 48.02.07 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew għal-laqgħa mad-diretturi tal-AUM fejn ġie diskuss iż-żona ta' quddiem il-Maċina sabiex titnaddaf iż-żona u jkun hemm aktar parkeġġ. Il-Ftehim biex jitndaff din iż-żona ġie milħuq iżda dwar il-parkeġġ għalissa ser jibqa ' kif inhu għaliex din iż-żona hija privata.<br><br>Is-Sindku ressaq il-mozzjoni liqeda ippublikata fil-website tal-parlament ta' Malta bin-numru 59 fis-6 ta' Lulju 2022 imressqa mill-Ministru Silvio Schembri fejn tgħid li din iż-żona għada tal-privat u l-kunsill m' għandu l-ebda aċċess iżda iż-żona ta' fuq San Pawl ser ikun hemm aċċess għal dan il-parkeġġ kemm għar-residenti ta' Bormla kif ukoll għar-residenti tal-Isla. |
| 48.02.08 | Is-Sindku preżenta lil kunsilliera li huwa sentenza mill-qorti ta Malta tas-Sur Joseph Micallef vs Awtoritajiet tal-Artijiet datat tas-seduta 3 ta' Marsu 2021 dwar il-kwistjoni taż-żona fejn is-slip way quddiem iż- |

| | |
|---|---|
| | żona tal-Open Gym, fejn dan id-digriet mil qorti jgħid li ma jistax ikun hemm imwejjed u siggijiet f'din iż-żona. Dan L-Appell Inferjuri 3/2019/1 LM huwa mehemuż ma dawn il-minuti. |
| 48.02.09 | Is-sindku qara l-minuti numru 30.03.30 li saret fis-27 ta' Mejju 2021 dwar il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet fejn tgħdi :<br><br>*Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet. Il-Kunsill m'għandux il-poter li joħroġġ permessi għall-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sindku issuġġerixxa li ssir laqgħa jew stqarrija sabiex jinforma lil kulħadd li l-kunsill m'għandux is-setgħa li joħroġ il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sindku qara l-imejl tas-Sur Claudio Debarro li ser jieħu ir-restaurant tas-Senglea Gunners sabiex jagħmlu l-imwejjed fejn hemm il-bust ta' J.B. Azopardo. Il-Kunsilliera ma qablux li jagħtu dan il-permess kemm li l-ewwel punt il-kunsill ma jistax joħroġ permess tal-imwejjed u siġġijiet u t-tieni punt hu li l-kunsill ta' qabel kellu talba minn l-istess għaqda u dan il-kunsill ta' qabel ma kinux qablu li jagħtu tali permess. Senglea Gunners kienu applikaw għall permess u l-awtorita ma tathomx permess. Is-Sinkdu informa lil kunsilliera, li t-Tlieta 15 ta' Ġunju 2021, il-pulizija ser tibgħat għas-sidien tal-ħwienet sabiex iżommu l-ordni fix-xatt, kemm minħabba umbrelel, mwejjed u siġġijiet żejda li hemm u sabiex iħallu passaġġ minn fejn jgħaddu r-residenti u jħallu spazju quddiem ilbankijiet tax-xatt fejn wieħed jista joqgħod bilqegħda fuq bank biex jieħu ftit mistrieħ.*<br><br>Is-Sindku informa wkoll lil -kunsilliera li fil-laqgħa imsemmija li saret fis-27 ta' Mejju 2021 kien iddiskuta mal-Cleansing Department is-Sur Ramon Deguara fejn kien hemm qbil li jsiru bins, ashtrays ma tul ix-xatt kif ukoll li jinħasel ix-xatt kollu.<br><br>Is-Sindku informa wkoll lil kunsilliera li r-railing ser jinbidel u kien ġie issuġġeriet li ma jerġax issir tal-alluminium iżda tal-ħadid. Is-Sindku informa li dan ir-railing daqt ikun lest fin-naħa tal-ponta u ser jibdew in-naħa tat-terrace houses.<br><br>Is-Sindku iddiskuta mad-dipartiment tal-Public Works li hemm ħafna mil-madum tax-xatt imkisser. Is-Sur Charlie Briffa il-foreman tal-Public Works huwa infurmat b'dan u ser jieħdu ħsieb dan il-madum li huwa imkisser.<br><br>Is-Sindku reġa' fakkar lil kunsilliera li kienu iddiskutew li kellhom laqgħa mal-puluzija mal-ispettur Clayton Camilleri fit-8 ta' Ġunju 2021 sabiex issir katina quddiem il-garaxxijiet tax-xatt sabiex ma jipparkjawx fuq il-bankina għaliex kienu qed iħħarku lil min ikun ipparkjat fuq il-bankina iżda xi ħud mis-sidien tal-garaxxijiet m'aċċetawx li jagħmlu katina quddiem il-bieb tal-garaxx tagħhom. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku reġa' fakkar lil-kunsilliera li fil -21 ta Mejju 2021 kien ħareġ stqarrija lir-residenti tal-Isla dwar il-permessi tal-imwejjed u is-siġġijiet fejn kienu fuq in-notice boards tal-kunsill kemm bil-Malti u bl-Ingliż u kienet ukoll fuq il-Paġna ta' face book. Is-sindku iddiskuta li l-ilmenti li jidħlu dwar ix-xatt, il-kunsill iressaq l-ilmenti tar-residenti lil awtortitajiet ikkonċernati. |
| 48.02.10 | Is-sindku indirizza l-problema tal-parking fejn qara l-minuta numru 45.03.16 li tgħid hekk :<br><br>*45.03.16 Is-Sindku informa lil-kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellu laqgħa mas-segretarju tal-ministru Aaron Farugia sabiex il-kunsill tal-Isla jkun jista' juża parti mill-parkeġġ ta' Boiler Wharf, minħabba li x-xatt qed ikun hemm problema kbira li l-bowsers jgħaddu mix-xatt u jkun hemm konġezzjoni kbira ta' traffiku, għalhekk is-segretarju tal-Ministru iltaqa' għall-ewwel darba mas-Sur Simon Zammit tal-Palombo. Is-Sindku flimkien mas-segretarju kellhom laqgħa oħra mad-direttur is-Sur Jesmond Grima u l-assistent direttur is-Sur Pavlos Buhagiar sabiex ikun jista jinħoloq kompromess għall użu ta' dan il-parkeġġ. Is-Sur Pavlos Buhagiar ta' l-kuntatti kollha tal-kumpanija li jużaw boiler wharf lis-segretarju eżekuttiv sabiex issir laqgħa ma kull entita' biex kulħadd ikun fuq l-istess binarju sabiex il-kunsill tal-Isla jkun jista juża dan il-parkeġġ għaliex id-direttur ta' Boiler Wharf ma kienx jaf b'dan il-komunikat. Is-Sur Jemond Grima ma jsib l-ebda oġġezzjoni li l-parkeġġ ta' Boiler Wharf jintuża mir-residenti tal-Isla iżda għandu bżonn żewġ securities għax m'għandux ħaddiema biżżejjed. Kif ukoll irrid jiġi restawrat is-Sur li jgħati għan naħa ta' Boiler Wharf għaliex id-direttur ma jridx li jkun hemm periklu għall min juża il-parkeġġ. Jekk dan il-ftehim jintlaħaq il-Palombo jkollu bżonn lista tal-bowsers li jkunu ser jgħaddu minn naħa ta' Palombo minnħba l-inġenji li jkunu qed jużaaw ta' Palombo stess.*<br><br>Is-Sindku qara l-imejl mibgħuta lis-Sur Fava president tal-AKL :<br><br>*Għażiż Sur Mario Fava*<br><br>*Il-Kunsill Lokali tal-Isla kellu diversi laqgħat mal-entitajiet sabiex jiprova jsolvi l-problema tal-parkeġġ li hawn fil-lokalita.*<br><br>*Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu kemm il-darba mas-Sur Simon Zammit min-naħa tal-Palumbo Ship Repair Yard fejn ġie diskuss kif tista tiġi solvuta parti mill-problema tat-traffiku u l-vetturi l-kbar bħal* |

| | |
|---|---|
| | *bowsers jgħaddu minn ġewwa Palombo Ship Yard. Is-Sur Zammit laqa' t-talba tal-kunsill iżda xtaq li jkun hemm kollaborazzjoni mal-entitajiet kollha li jużaw Boiler Wharf, sabiex ikollu skeda ta' kemm il-bowser jidħlu, il-frekwenza u l-ħinijiet li jkun hemm bżonn li dawn il-bowsers u trakkijiet kbar jgħaddu minn ġewwa Palombo.*<br><br>*Wara dan l-eżodu tal-laqgħa, is-sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv reġgħu iltaqgħu mas-Sur Simon Zammit minn naħa tal-Palombo flimkien mas-segretarju tal-Ministru is-Sur Michael Vella Bonello sabiex jieħu nota u jgħaddi dinil-problema lil Ministru sabiex tissolva. Iżda wara din il-laqgħa l-kunsill ma sama' xejn dwar dan għalhekk is-sindku reġa' iltaqa' mas-Sur Jesmond Grima id-direttur ta' TM, flimkien mal-assitent is Pavlos Buhagiar fejn is-Sur Jesmond Grima qalilna li għadu qatt ma sema' minn għand il-ministru dwar din is-soluzzjoni biex tissolva din il-problema tal-parkeġġ. Id-Direttur issib żewġ diffikultajiet biex il-bowser jew trakkijiet kbar jgħaddu minn boilerwharf:*<br><br>1. *Irrid ikollu żewġ securities biex ikunu jistgħu jikkontrollaw il-gate kemm biex jiftħu kif ukoll biex jagħlqu*<br>2. *Sabiex il-Boiler Wharf ikun jista jintuża bħala parkeġġ għar-residenti irrid l-ewwel u qabel kollox jitranġa l-ħajt li huwa ta' periklu fejn jistgħu jiġu jipparkjaw il-karrozzi.*<br><br>*Is-Sindku reġa' talab laqgħa oħra mal-entitajiet kollha li hemm ġewwa boiler wharf li huma:*<br><br>*Grima Jesmond - Transport Malta*<br>*Simon Zammit - Palombo*<br>*Matthew Vella : Polaris Marine*<br>*Joe Sant Fournier : Gozo Fast Ferry*<br>*Terrance Micallef : Plo Malta*<br>*Noel Galea : Plo Malta*<br><br>*sabiex jintlħaq kompromess dwar l-iskeda, l-frekwenza u l-ħinijiet li jgħaddu it-trakkijiet il-kbar minn Palombo għall ġewwa Boiler Wharf . Ġie Diskuss li dawn it-trakkijiet il-kbar m'għandhomx skeda fissa għaliex jekk tinqala emerġenza irridu jgħatu is-servizz dak il-ħin.*<br><br>*Wara dawn id-diskusjonijiet kollha is-sinkdu flimkien mas-* |

| | |
|---|---|
| | *segretarju kellhom wkoll laqa' mal-Perit Amanda Degiovanni mir-Restoration Directoraiet u d-direttur Jesmond Grima mit-TM sabiex jintlaħaq ftehim biex jittranġa dan is-sur li jgħati għall-ġewwa Boiler Wharf u huwa ta' periklu sabiex din iż-żona tintiuża bħala parkeġġ għar-residenti tal-Isla. Il-Perit ser tibgħat rapport lil Lands Authority dwar dan ir-restawr tas-sur li jgħati għal-ġewwa boiler wharf.*<br><br>*Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa wkoll mal-AUM sabiex jintlaħaq kompromess għall-parkeġġ ta' fejn il-Maċina. L-Enġiniera tal-AUM ma jsibu l-ebda oġġezzjoni sabiex il-parkeġġ jintuża mir-residenti iżda din tiġi użata ħafna mill-pubbliku li juża il-ferry għal-Belt, għalkemm li dan il-parkeġġ huwa temporanju għaliex din iż-żona ser tiġi żviluppata mill-AUM f'qasir żmien.*<br><br><br>*Il-Kunsill qed jagħmel kull ma jista sabiex is-sitwazzjoni tal-parkeġġ titranġa iżda ħlief bibien magħluqa mhux qed issib. Fl-elfejn u tlettax is-sistema tar-**resident parking** ġiet imwaqqfa mill-gvern ċentrali u għalhekk applikazzjonijiet ġodda ma jistgħux issiru . Iżda min kien applika fl-2013 għadu juża din l-iskema. Bħala loklaita tal-Isla hemm problema kbira dwar parkeġġ għalhekk il-kunsill qed jitlob li jkollna żoni ġewwa l-Isla li jkunu bil-ħin għar-residenti tal-Isla. Il-Kunsill jirċieva kwantita ta' ilmenti dwar din il-kwistjoni tar-**resident parking** għalhekk il-kunsill iħoss il-ħtieġa li tiġi introdotta din l-iskema għal-lokalita tal-Isla.*<br><br>*Nittamaw li fil-futur qarib il-kunsill ikollu xi tip ta' soluzzjoni, iżda mingħajr l-għajnuna tal-Gvern dan mhux possibli.*<br><br><br>*Grazzi u Tislijiet*<br><br>*Clive Pulis*<br>*Sindku*<br><br>U s'issa l-kunsill għadu mingħajr risposta.<br><br>Il-Kunsill ser jibgħat ittra bl-avukat tar-Reġjun Port lit-TM dwar il-parkeġġ għar-residenti tal-Isla, sabiex japplika għal resident parking għaliex ir-residenti tal-Isla qed jilmentaw li ma jkollomx fejn jipparkjaw speċjalment filgħaxija. |

| | |
|---|---|
| 48.02.11 | Is-sindku ġibed l-attenzjoni li l-kunsill lokali tal-Isla kien ħareġ Bye Law fl-2017 maħruġ fis- Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,922,15 ta' Diċembru, 2017 Taqsima D 87K.L.B.L 4/12/2017ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)Bye-Laws tal-2017 dwar Karrijiet u Oġġetti Oħra ta' Ingombru fil-Lokalità tal-Isla (Kunsill Lokali Isla)BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali. |
| 48.02.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li irċieva telefonata fis-6 ta' Settembru minn għand is-Sur Malcolm Ciantar li għandu ir-restorant ġewwa x-xatt tal-Isla fejn ġie offendut u mhedded dwar il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet fejn qal li s-sidien huma kollha kontra is-sindku għaliex is-sindku qed jirraporta lil MTA u semmha lis-Sur Paul Cassar uffiċjal tal-MTA fejn qallu li is-sindku tal-Isla qed jirraporta dawn il-legalitajiet. Iżda is-sindku stqar mas-sidien tal-ħwienet preżenti li kieku kien is-Sindku li r-rapport dawn il-legalitajiet kien ikun preżenti meta ġew l-uffiċjali biex jaraw il-permessi tar-restoranti fix-xatt tal-Isla. Is-Sindku stqar li ma jiddejaq xejn jekk ikun hemm il-bżonn li jidher ma l-awtoritajiet li tieħu ħsieb l-infurzar għaliex meta kien hemm il-bżonn li jidher il-qorti minħabb kwistjonijiet oħra huwa għamel dmiru. Is-Sindku kien laqgħa it-talba tal-ispettur Clayton Camilleri sabiex jagħmel laqgħa mas-sidien tal-ħwienet biex jirregolariżaw l-pożizzjoni tal-permessi tar-rstoranti tagħhom iżda baqa kollox kif kien u l-ilmenti baqgħu jidħlu l-kunsill. Il-Kunsill dejjem saħħaq li x-xatt tal-Isla li jibqa sejjer minn Bormla u jibqa sejjer sal-Birgu u taħt ir-responsabilita' tad-dipartiment tal-public works li fil-preżent il-Ministru huwa l-Onor Stefan Zrinzo Azzopardi. Kull ilment li jidħol fl-uffiċċju tal-kunsill jieħu azzjoni sabiex jgħaddi l-ilmenti tar-residenti lid-dipartimenti ikkonċernati għaliex dan huwa id-dmir tal-kunsill lokali.<br><br>Is-Sindku ħa parir legali mill-avukat tar-Reġjun Port sabiex jara kif ser jaġġixi dwar din is-sitwazzjoni għaliex is-Sindku kien ser idaħħal rapport l-għassa issa għal issa ma kienx hemm il-bżonn għalhekk talab lil president tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli lis-Sur Mario Fava sabiex jibgħat imejl lid-dipartiment tal-MTA lis-Sur Kevin li tgħid hekk:<br><br>*Hi Kevin,*<br><br>*Nittama li tinsab tajjeb.*<br><br>*Kelli rapport li rapprezentant tal-MTA, is-Sur Paul Cassar, mar jinforza ma' sidien tar- restoranti fix-xatt tal-Isla, u qed jghdilhom li kellu jmur ghaliex 'Is-sindku qed jaghmel ir-rapporti'.* |

| | |
|---|---|
| | *Fl-ewwel lok, nemmen li jekk se jsir infurzar ghandu jsir billi wiehed imur filghodu u jitkellem ma' dak li jkun bil-kwiet u mhux f' hin fejn l-aktar li jkollhom xoghol filghaxija. Dan sabiex ma jkunx hemm xeni jew kliem quddiem klijenti u ma jtellifx daqshekk in-negozju taghhom.*<br><br>*Fit-tieni lok, mhux prudenti jekk li qed jigi allegat huwa minnu. Is-Sindku jekk jilmenta ghaliex ikun hemm l-ilmenti mir-residenti mhux ghax hu kontra li jkun hemm l-imwejjed, jekk dawn ikunu skont il-permessi taghkom.*<br><br>*Nemmen li fl-interess kemm tar-restoranti kif ukoll tar-residenti, dan hu l-mod kif wiehed isib bilanc; billi jinforma bil-kelma t-tajba li wiehed m' ghandux idardar l-ghajn li jrid jixrob minnha u fl-istess hin nidhru mar-residenti li qed nippruvaw nilhqu bilanc.*<br><br>*Filwaqt li mhux se nghidilkom kif taghmlu xogholkom, nahseb li din ghandha tkun it-triq 'il-quddiem.*<br><br>*Mario Fava*<br>*President* |
| **48.03** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 48.03.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 t' Awwissu 2022 fl-4:00p.m |

Konfermati, illum 22 t' Awissu 2022

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv